C/2025/5296

1.10.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.12120 — INFRANITY / OMNES CAPITAL / PCRE JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/5296)

1. Fit-23 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Infranity S.A.S. ("Infranity", Franza), fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollata minn Assicurazioni Generali S.p.A. ("Generali Group", l-Italja),

— Omnes Capital S.A.S. ("Omnes Capital", Franza),

— Power Capital Renewable Energy Limited ("PCRE", l-Irlanda).

Infranity u Omnes Capital se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' PCRE.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Infranity hija maniġer ta' fond ta' investiment alternattiv speċjalizzat fl-investimenti fl-infrastruttura,

— Omnes Capital timmaniġġja fondi li jikkontrollaw kumpaniji tal-portafoll attivi f'setturi inkluża l-enerġija rinnovabbli, inkluża l-PCRE.

3. PCRE hija kumpanija tal-enerġija rinnovabbli speċjalizzata fl-enerġija solari.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12120 — INFRANITY / OMNES CAPITAL / PCRE JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet/Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË